MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 206/2008

**A B**

**-vs-**

**C (D) B**
**Direttur tar-Registru Pubbliku u**
**E G F permezz ta' nota accettat li tidhol kuratrici sabiex tirraprezenta lill-minuri H B u giet konfermat b'digriet tal-5 ta' Gunju, 2008**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha (4) ta' Marzu tas-sena 1988 fil-Knisja tal-Madonna ta' Lourdes, Paola, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg mmarkat Dok. A.

Illi l-partijiet huma ilhom separati de facto ghal bosta snin.

Illi fit-tnax (12) ta’ Novembru tas-sena 1995 twieled il-minuri H, liema minuri gie registrat bhala l-wild naturali ta’ l-attur, hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta’ iskrizzjoni erbgha, tmienja, wiehed, erbgha zbarra wiehed, disgha, disgha, hamsa (4814/1995) hawn anness u mmarkat bhala Dok. B.

Illi l-minuri H m’huwiex l-iben naturali ta’ l-attur.

Illi l-attur ma jridx illi jibqa’ jigi indikat bhala missier il-minuri H.

Illi l-attur lest li jissottometti ruhu ghal kull ezami xjentifiku sabiex jigi stabbilit illi huwa m’huwiex il-missier naturali tal-minuri H.

Ghaldaqstant, jghidu l-konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara illi l-minuri H li twieled fit-tnax (12) ta’ Novembru tas-sena 1995 bin-numru ta’ iskrizzjoni 4814/1995 m’huwiex il-wild naturali ta’ l-attur.

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri fis-sens illi fil-kolonni li jispecifikaw id-dettalji dwar l-attur fl-att tat-twelid, jigu mnizzla l-kliem missier mhux maghruf.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C (D) B fejn din eccepiet:

Illi in linea preliminari fl-ewwel lok ir-rikors guramentat tal-attur huwa null u dan ai termini tal-ewwel proviso tal-artikolu 73 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-minuri H twieled fit-12 ta’ Novembru 1995 u ghalhekk l-azzjoni hi preskritta.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet huma infondati fil-fatt u fi dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza.

Illi l-partijiet ilhom mizzewgin mill-4 ta' Marzu, 1988 u ghandhom tlett itfal I, J u H B.

Illi l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni quddiem din l-Onorabbli Qorti u ilhom separati de facto ghal snin twal.

Illi l-minuri H illum-il gurnata ghandu 12-il sena u l-konvenuta qed issib ruhha xxukkjata bil-kawza odjerna.

Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fi dritt kif ser jirrizulta waqt il-kawza.

Illi m'hemm l-ebda dubju li l-attur huwa missier il-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament, ir-rikorrent irid jitlob awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ikun jista' jipprocedi b'azzjoni ta' denegata paternita' ai termini tal-proviso ta' l-Artikolu 73 tal-Kap. 16 stante li l-minuri in kwistjoni twieled fit-12 ta' Novembru, 1995.

Illi preliminarjament ukoll, fil-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu jehtieg li l-kliem "the said" jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta' l-omm.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu, jehtieg li r-rikorrent jirregola ruhu fir-rigward tal-kunjom tat-tarbija u dan ai termini tat-tieni proviso ta’ l-Artikolu 73 tal-Kap. 16.

Illi l-esponent jirrileva li r-rikorrent stess kien id-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Tinnota qabel xejn ir-rikors tal-attur datat 11 ta’ Novembru, 2008, fejn l-istess attur talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha sabiex ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jissokta bil-kawza, salv kondizzjonijiet ohra xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta D B fejn din qalet li l-istess rikors ghandu jigi sfilzat mill-atti.

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-istess rikors.

Ikkunsidrat illi permezz tar-rikors tal-11 ta’ Novembru, 2008, l-attur qed jitlob lil din il-Qorti tawtorizzah jipprocedi biex jichad il-paternita’ tal-minuri registrat bhala ibnu, liema minuri twieled fit-12 ta’ Novembru, 1995.

Il-Qorti rat l-Art. 73 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti rat ukoll l-Art. 149 tal-istess Kap. 16.

Fic-cirkostanzi, partikolarment in vista tal-htiega tal-ekonomija tal-gudizzju u tal-fatt illi huwa fl-interess suprem tal-minuri illi jkollu certezza malajr kemm jista' jkun dwar il-paternita' tieghu, il-Qorti tilqa' t-talba kif dedotta fir-rikors tal-attur.

L-ispejjez ta' dan l-incident jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------